**Flixkun tal-ilma**

Flixkun tal-ilma, griż u sewdieni
'lwienek qawwija jagħmluni ħieni.

Flixkun tal-ilma, mogħti b'imħabba
Il-benna tiegħek f'qalbi titrabba.

Flixkun tal-ilma, dmugħ kollu tama
Fik jien nimrah u bil-wisq nistgħana.

Flixkun tal-ilma, qdusija kuljum
Għax b'għemil ħanin jinbidel il-jum.

Flixkun tal-ilma, tħeġġiġa kbira
Biex niekol anqas w nilħaq il-mira.

Flixkun tal-ilma, dejjem narak ddur
Fis-swali kollha u f'kull kuritur.

Flixkun tal-ilma, kliemek wisq sabiħ
Arah kif tbattal, isa mur imliħ!

Flixkun tal-ilma, inti bla uċuħ
Nixrob kemm nixrob niftakar fir-Ruħ.

Flixkun tal-ilma, fik hemm il-ħajja
l-ilma ta' ġo fik jaħsel mit-tbajja.

Flixkun tal-ilma, meta nkun bil-għatx
F'dan kollu niftakar, għalija x'raġġ!

Flixkun tal-ilma, ibqa' tbissimilna
Nixorbu minnek ... flixkun tal-ilma.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.